# ID-DAWL

LULJU 2020 | WWW.AHMADIYYA.MT | NUMRU 31

"Alla huwa d-Dawl
tas-smewwiet u tal-art."



Alla | Il-Ġenna Tagħna | Alla tassew Jeżisti | L-Għarfien sewwa ta' Alla

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

**Editorjal**

# ALLA

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-kunċett ta' Alla dejjem kien tema importanti. Nies ta' kull età kienu u għadhom ħerqana biex ikunu jafu jekk verament hemmx Alla.

L-Iżlam jippreżenta Alla ħaj, li Jikkomunika mal-qaddejja Tiegħu bħalma Għamel fl-imgħoddi. Huwa li hu Etern, Kollu Setgħani, Jaf Kollox u l-Ħallieq tal-ħwejjeġ kollha. Huwa li Jikkastiga l-midinbin, iżda wkoll li jaħfrilhom fejn ikun għaqli li jaħfer.

Alla huwa l-Esseri li Hu ħieles mid-difetti kollha u li Jippossiedi l-kwalitajiet perfetti. Alla huwa l-isem ta' dak l-Esseri li jġorr l-attributi kollha. Alla huwa l-isem personali ta' Alla u huwa biss l-Iżlam li ta dan l-isem; l-ebda reliġjon oħra jew Xarija ma tuża dan l-isem.

## ID-DAWL

Lulju 2020 – Numru 31 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel:** 27 342 401 | **Mob:** 79 320 139
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**

## INDEX

| | |
|---|---|
| Allah | 02 |
| Our Paradise | 03 |
| God Does Exist | 04 |
| The Existence of God | 06 |
| True Recognition of God | 08 |

Aqra **"ID-DAWL"** onlajn fuq: **www.ahmadiyya.mt/id-dawl**
**Indirizz: Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira**
Qoxra: Sedat Cologlu | Shutterstock

# IL-ĠENNA TAGĦNA

Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

"Il-ġenna tagħna tinsab f'Alla tagħna. L-aqwa għaxqa tagħna tinsab f'Alla tagħna għaliex aħna rajnieH u sibna l-ġmiel kollu fiH. Din ir-rikkezza hi vallapena li tiġi akkwistata għalkemm wieħed jista' jitlef ħajtu biex jiksibha. Din il-ġawhra hi vallapena li tinxtara għalkemm wieħed jista' jintilef biex jiksibha.

**Inti, li int abbandunat! Iġri lejn din il-funtana u tara kif tissodisfak.** Hija l-funtana tal-ħajja li tista' ssalvak. X'se nagħmel, u kif se nimpressjona l-qlub b'din l-aħbar tajba, u liema tanbur se ndoqq biex nagħti l-bxara li dan huwa Alla tagħna, ħalli n-nies ikunu jistgħu jisimgħu? Liema kura se napplika għal widnejn in-nies ħalli dawn ikunu jistgħu jisimgħu?"

(*Kashti Nuh, Ruhani Khazain,* vol. 19, p. 21-22)

# MULEJ TAGĦNA

**"Mulej tagħna, itfa' l-ħniena fuqna minnek innifsek, u pprovdilna l-aqwa gwida għas-sitwazzjoni tagħna."** (Il-Koran, 18:11)

**"Inti l-Protettur tagħna; għalhekk aħfrilna u uri ħniena magħna, għaliex Inti l-aqwa fost dawk li jaħfru."** (Il-Koran, 7:156)

**"O Mulejja, jiena tallab għat-tajjeb kollu li tibgħat fuqi."** (Il-Koran, 28:25)

**"Mulej tagħna, tejjeb id-dawl tagħna għalina stess u aħfrilna; żgur li Inti għandek is-setgħa fuq kollox."** (Il-Koran, 66:9)

# ALLA TASSEW JEŻISTI

Il-prinċipju fundamentali tar-reliġjon tal-Iżlam hija l-eżistenza ta' Alla Omnipotenti u l-Unità Tiegħu.

Darba, filosfu ltaqa' ma' Bedwin Għarbi. Il-filosfu staqsieh: Inti temmen f'Alla? Il-Bedwin wieġbu: Iva jiena nemmen f'Alla. Il-filosfu staqsieh: Xi prova għandek tal-eżistenza ta' Alla? It-tweġiba tal-Bedwin kienet sempliċi ħafna iżda mimlija bl-għerf. Ir-risposta tiegħu tant kienet importanti li titfa' dawl biżżejjed b'mod komprensiv fuq is-suġġett tal-eżistenza ta' Alla. Il-Bedwin wieġeb:

Meta xi ħadd li jkun għaddej mid-deżert jilmaħ il-ħmieġ tal-ġemel, huwa jikkonkludi li ġemel ikun għadda minn hemm; jekk jara l-marka ta' sieq ta' raġel fir-ramel tad-deżert, huwa



Openfinal | Shutterstock

jiddeduċi li xi vjaġġatur ikun għadda minn din it-triq. Issa, meta nħarsu lejn din id-dinja, bil-marki wiesgħa kollha tagħha, u din is-sema, bix-xemx tagħha, u l-qamar u l-kwiekeb, ma jġagħluniex naħsbu li bilfors kellhom bżonn Ħallieq?

Kemm huwa kliem profond, razzjonali u għaqli dak ta' Bedwin Għarbi illitterat. Bla dubju ta' xejn, kollox f'din id-dinja huwa prova definita tal-eżistenza ta' xi Ħallieq – Alla tagħna – li ħalaqha.

Sempliċi pinna jew karta ma jistgħux jeżistu mingħajr disinjatur jew kreatur. Mela, kif inhu possibbli li l-univers sħiħ li huwa tant organizzat, u li huwa kapulavur ta' perfezzjoni u glorja, beda jeżisti mingħajr disinjatur jew kreatur?



Boguslaw Mazur | Shutterstock

# L-EŻISTENZA TA' ALLA

"Huwa rrakkontat li xi ħadd staqsa lil Ħażrat Ali[ra] [it-tieni Kalif tal-Iżlam] għal prova tal-eżistenza ta' Alla. Billi ra li r-raġel kien daqsxejn sempliċi, huwa wieġeb: Huwa biżżejjed għalik li tirrealizza li jekk m'hemm l-ebda Alla, dawk li jemmnu u dawk li ma jemmnux ikunu kollha l-istess u ħadd ma għandu xejn x'jitlef. Madanakollu, jekk tassew hemm Alla, mela dawk li jiċħduh ikunu f'inkwiet serju. Dan ir-raġunament issodisfa lir-raġel u ma staqsa xejn iżjed.

X'hemm ħażin li nemmnu f'Alla anki jekk dan ma jeżistix? X'għandna nitilfu jekk nemmnu f'Alla?

It-twemmin f'Alla jġagħlek tevita l-adulterju, il-qtil, is-serq, il-falzità, l-ingann, il-frodi, eċċ.—l-azzjonijiet li n-natura, il-loġika, u l-liġi tal-pajjiż xorta jixtiequ li inti twarrab! Għaldaqstant, fil-verità x'tista' titlef jekk temmen f'Alla? Dan it-twemmin mhux se jżommok kompletament milli tissodisfa x-xewqat ġusti tiegħek b'mod konsiderevoli. Inti liberu li tiekol u tixrob, torqod u tqum, toqgħod bilqiegħda u bilwieqfa, tilgħab u tistrieħ, taqra u tikteb, tagħmel xogħlijiet prattiċi, taqla' l-flus, toħloq il-ħbiberiji, twaqqaf familja, tiżżewweġ, u jkollok it-tfal—it-twemmin f'Alla mhux se jwaqqfek minn dan kollu.

It-twemmin f'Alla jwaqqfek biss minn għemejjel li jkunu ta' ħsara u detrimentali għalik jew għall-oħrajn. L-evitar ta' dawn l-atti huwa megħjun permezz tan-natura tiegħek stess, ir-raġuni, u l-liġijiet tas-soċjetà u tal-gvern. Għaldaqstant, x'għandek x'titlef billi temmen f'Alla?

Inti tista' ssaqsi għala għandek temmen f'Alla mingħajr prova. It-tweġiba tiegħi hija li inti għandek tadotta din bħala miżura


Nelu Goia | Shutterstock

oħra ta' prekawzjoni milli għandek tieħu f'din id-dinja. Kien x'kien, meta jkun hemm il-possibbiltà ta' ksib u l-ebda riskju ta' telf f'dan it-twemmin, iżda ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' benefiċċju u riskju ta' ħsara fiċ-ċħid, mela aħseb: liema għażla hija eqreb lejn il-paċi u l-prudenza?

Ovvjament, dawk li jiċħdu lil Alla jagħmlu hekk biss għaliex skonthom m'hemm l-ebda evidenza tal-eżistenza ta' Alla, u mhux għax għandhom evidenza li Alla ma jeżistix. F'każ bħal dan, mela, kull persuna sensibbli, biex ma tiħux riskji, għandha tiddeċiedi li jkun aħjar li temmen f'Alla. Fil-qosor, jekk m'hemmx Alla, mela kulħadd hu ugwali u l-emmna f'Alla probabbli li ma ġġib l-ebda dannu. Madanakollu, jekk tassew hemm Alla, mela dawk li jemmnu jkollhom vantaġġ u dawk li ma jemmnux iridu jfendu għal rashom fejn jidħol id-destin tagħhom!"

(Ħażrat Mirża Bashir Aħmad[ra], M.A., *Our God*, p. 36-38, edizzjoni 2016, UK)

# L-GĦARFIEN SEWWA TA' ALLA

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], jgħid:

"Il-ħajja safja li hi ħielsa mid-dnub hija ġawhra brillanti li llum il-ġurnata ħadd ma jippossediha. Alla l-Omnipotenti kkonċeda dik il-ġawhra brillanti lili u ħatar lili biex ninforma lid-dinja dwar il-mod kif għandha tinkiseb dik il-ġawhra brillanti.

Jiena niddikjara b'kunfidenza illi bil-mixi f'din il-mogħdija kulħadd għandu ċertezza li jiksibha.

L-uniku mod ta' kif tista' tinkiseb huwa **bl-għarfien sewwa ta' Alla**; imma din hija ħaġa diffiċli u delikata.

Filosfu, kif għedt diġà, li jikkontempla dwar is-smewwiet u l-art, u jirrifletti dwar l-ordni perfetta tal-univers, jafferma biss li għandu jkun hemm Ħallieq. **Imma jien nogħla grad u nikkonferma fuq il-bażi tal-esperjenza personali tiegħi li Alla hu.**"

(*Malfużat*, vol. 3, p. 16)

**"Mulej tagħna, agħtina t-tajjeb f'din id-dinja kif ukoll it-tajjeb fid-dinja li jmiss, u ħarisna mit-turment tan-Nar."**

(Il-Koran, 2:202)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**


**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.



amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**